SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

13 ta' Settembru 2007 *

Fil-Kawża C-260/04,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fis-17 ta' Ġunju 2004,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn K. Wiedner, C. Cattabriga u L. Visaggio, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Taljana, irrappreżentata minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn G. De Bellis, avvocato dello Stato, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

sostnuta minn:

Ir-Renju tad-Danimarka, irrappreżentat minn J. Molde, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn F. Díez Moreno, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President ta' l-Awla, E. Juhász, R. Silva de Lapuerta, G. Arestis (Relatur) u J. Malenovský, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi ġeddet 329 konċessjoni għall-ġestjoni ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel mingħajr ma organizzat proċedura ta' sejħiet għal offerti, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt it-Trattat KE u, b'mod partikolari, kisret il-prinċipju ġenerali ta' trasparenza kif ukoll l-obbligu li tingħata pubblikità li jirriżultaw mill-Artikoli 43 KE u 49 KE.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

2 Fl-Italja, il-ġestjoni ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel kienet oriġinarjament irriżervata għall-Unione Nazionale per l'Incremento delle Razze Equine (organizzazzjoni nazzjonali għat-titjib fit-tkabbir taż-żwiemel, aktar 'il quddiem l-"UNIRE") li setgħet jew tiġġestixxi direttament is-servizzi tal-ġbir u tat-teħid ta' mħatri jew tħalli dawn is-servizzi f'idejn terzi. L-UNIRE fdat din il-ġestjoni lill-aġenziji tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

3 Sussegwentament, bil-Liġi Nru 662, tat-23 ta' Diċembru 1996 (Suppliment Ordinarju tal-GURI Nru 303, tat-28 ta' Diċembru 1996), l-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel għaddew f'idejn il-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll tal-Ministeru tar-Riżorsi ta' l-Agrikoltura, ta' l-Ikel u tal-Foresti, li

ġew awtorizzati sabiex jieħdu ħsieb din l-organizzazzjoni u l-ġestjoni direttament jew billi jużaw korpi pubbliċi, kumpanniji jew *bookmakers* awtorizzati minnhom bħala intermedjarji. Il-paragrafu 78 ta' l-Artikolu 3 ta' din il-liġi kien jipprovdi li, bl-adozzjoni ta' regolamenti, l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel kellhom jiġu organizzati mill-ġdid fir-rigward ta' l-aspetti organizzattivi, funzjonali, fiskali u kriminali kif ukoll fir-rigward ta' l-allokazzjoni tad-dħul minn dawn l-imħatri.

4 B'applikazzjoni ta' dan l-aritkolu ta' l-imsemmija liġi, il-Gvern Taljan adotta d-Digriet Presidenzjali Nru 169, tat-8 ta' April 1998 (GURI Nru 125, ta' l-1 ta' Ġunju 1998, aktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 169/1998"), li l-Artikolu 2 tiegħu kien jipprovdi li l-Ministeru tal-Finanzi, bi ftehim mal-Ministeru tal-Politika Agrikola u tal-Foresti, kellu jalloka, permezz ta' sejħiet għal offerti organizzati skond ir-regoli Komunitarji, il-konċessjonijiet għall-ġestjoni ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel lil persuni naturali u lil kumpanniji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba. B'mod tranżitorju, l-Artikolu 25 tad-Digriet Nru 169/1998 ppreveda estensjoni tal-konċessjonijiet mogħtija mill-UNIRE sal-31 ta' Diċembru 1998 jew, fil-każ li l-organizzazzjoni tas-sejħiet għal offerti qabel dik id-data tirriżulta impossibbli, sal-31 ta' Diċembru 1999.

5 Id-Digriet Ministerjali tas-7 ta' April 1999 (GURI Nru 86, ta' l-14 ta' April 1999) sussegwentament approva l-pjan ta' tkabbir tan-netwerk ta' ġbir u ta' teħid ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel sabiex in-numru taċ-ċentri fejn isiru l-imħatri fuq it-territorju Taljan jiżdied minn 329 għal 1000. Filwaqt li s-671 konċessjoni ġodda kienu s-suġġett ta' sejħa għal offerti, id-Direttiva tal-Ministru tal-Finanzji tad-9 ta' Diċembru 1999 pprovdiet għat-tiġdid tat-329 "konċessjoni qodma" ta' l-UNIRE. B'applikazzjoni ta' din id-direttiva, id-Deċiżjoni tal-Ministeru tal-Finanzi tal-21 ta' Settembru 1999 (GURI Nru 300, tat-23 ta' Diċembru 1999, aktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") ġeddet l-imsemmija konċessjonijiet għal perijodu ta' sitt snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2000.

6 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 452 tat-28 ta' Diċembru 2001 (GURI Nru 301, tad-29 ta' Diċembru 2001), li wara li ġie emendat sar il-Liġi Nru 16 tas-27 ta' Frar 2002 (GURI Nru 49, tas-27 ta' Frar 2002), sussegwentament stabbilixxa, minn naħa, li l-

"konċessjonijiet il-qodma" kellhom jingħataw mill-ġdid skond id-Digriet Nru 169/1998, jiġifieri permezz ta' sejħa għal offerti Komunitarja, u min-naħa l-oħra, li l-imsemmija konċessjonijiet kellhom jibqgħu validi sakemm jingħataw mill-ġdid b'mod definittiv.

7 Fl-aħħar nett, id-Digriet Leġiżlattiv Nru 147, ta' l-24 ta' Ġunju 2003, li jestendi t-termini u d-dispożizzjonijiet ta' urġenza f'affarijiet bażitarji (GURI Nru 145, tal-25 ta' Ġunju 2003), li sar il-Liġi Nru 200, ta' l-1 ta' Awwissu 2003 (GURI Nru 178, tat-2 ta' Awwissu 2003, aktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 200/2003"), jipprovdi, fl-Artikolu 8 (1) tiegħu, għall-verifika ta' l-istatus finanzjarju ta' kull konċessjonarju sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema tal-"minimu ggarantit", jiġifieri taxxa li kull konċessjonarju kien marbut iħallas lill-UNIRE irrispettivament mill-volum effettiv tad-dħul matul is-sena kurrenti, li kienet irriżultat eċċessiva u kienet wasslet għal kriżi ekonomika fis-settur ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel. B'applikazzjoni ta' l-imsemmija liġi, il-Kummissarju Straordinarju maħtur mill-UNIRE adotta d-Deċiżjoni Nru 107/2003, ta' l-14 ta' Ottubru 2003, li estendiet il-konċessjonijiet li kienu diġà ngħataw sabiex jiġu kkalkulati s-somom li kellhom jitħallsu mill-konċessjonarji sa l-iskadenza tat-terminu biex isir l-aħħar pagament, jiġifieri t-30 ta' Ottubru 2011 u, fi kwalunkwe każ, sa meta jingħataw il-konċessjonijiet il-ġodda wara sejħa għal offerti.

Il-fatti u l-proċedura prekontenzjuża

8 Wara li rċeviet ilment mingħand operatur privat fis-settur ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, il-Kummissjoni, fl-24 ta' Lulju 2001, bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-awtoritajiet Taljani, in konformità ma' l-Artikolu 226 KE, fejn ġibditilhom l-attenzjoni dwar l-inkompatibbiltà tas-sistema Taljana għall-għoti ta' konċessjonijiet għall-ġestjoni ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel u, b'mod partikolari, tat-tiġdid, previst fid-deċiżjoni kkontestata, tat-329 konċessjoni qodma allokati lill-UNIRE mingħajr sejħa għal offerta, mal-prinċipju ġenerali ta' trasparenza u ma' l-obbligu ta' pubblikità li jirriżulta mill-Artikoli 43 KE u 49 KE. B'risposta għal din l-ittra, il-Gvern Taljan ħabbar, permezz ta' ittri tat-30 ta' Novembru 2001 u tal-15 ta' Jannar 2002, l-abbozz kif ukoll l-adozzjoni tal-Liġi Nru 16 tas-27 ta' Frar 2002.

9 Peress li ma kinitx sodisfatta bl-implementazzjoni fil-prattika tad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija liġi, il-Kummissjoni, fis-16 ta' Ottubru 2002, ħarġet opinjoni motivata fejn stiednet lir-Repubblika Taljana tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha ma' l-imsemmija opinjoni f'terminu ta' xahrejn min-notifika tagħha. Permezz ta' ittra ta' l-10 ta' Diċembru 2002, il-Gvern Taljan wieġeb li, qabel tinfetaħ il-proċedura ta' sejħiet għal offerti, kien meħtieġ li ssir verifika sistematika ta' l-istatus finanzjarju tad-detenturi ta' konċessjonijiet li kienu għadhom fis-seħħ.

10 Peress li ma rċeviet l-ebda informazzjoni addizzjonali dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi proċess ta' verifika u tal-ftuħ ta' proċedura għal sejħa għal offerti għall-għoti mill-ġdid tal-konċessjonijiet in kwistjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dan ir-rikors.

11 Ir-Renju tad-Danimarka u r-Renju ta' Spanja għamlu intervent in sostenn tar-Repubblika Taljana.

Fuq ir-rikors

12 Il-Kummissjoni tressaq ilment wieħed in sostenn tar-rikors tagħha. Hija ssostni li r-Repubblika Taljana, billi ġeddet it-329 konċessjoni qodma ta' l-UNIRE għall-ġestjoni ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel mingħajr ebda proċedura ta' sejħa għal offerti, naqset mill-obbligi tagħha taħt it-Trattat u, b'mod partikolari, kisret il-prinċipju ġenerali ta' trasparenza kif ukoll l-obbligu ta' pubblikità li jirriżultaw mill-Artikoli 43 KE u 49 KE.

13 Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tindika li, fid-dawl tad-dritt Komunitarju, l-għoti ta' konċessjoni għall-ġestjoni u għall-ġbir ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel fl-Italja għandu jiġi kkunsidrat bħala l-għoti ta' konċessjoni ta' servizz pubbliku. Għalhekk, l-imsemmi għoti ta' konċessjoni ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku (ĠU L 209, p. 1). Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari mis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2000, Telaustria u Telefonadress (C-324/98, Ġabra p. I-10745), jirriżulta li l-awtoritajiet nazzjonali li jagħtu konċessjoni ta' dan it-tip huma obbligati jirrispettaw il-prinċipji ta' non diskriminazzjoni u ta' trasparenza sabiex jiġi ggarantit livell ta' pubblikità adegwat b'tali mod li s-suq tas-servizzi jinfetaħ għall-kompetizzjoni u sabiex jiġi ggarantit li l-imparzjalità tal-proċeduri ta' l-għoti tal-konċessjonijiet tkun tista' tiġi kkontrollata.

14 F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tikkonstata li l-Gvern Taljan ma rrispettax ir-rekwiżiti ta' l-imsemmija prinċipji meta ġedded, mingħajr proċedura ta' sejħa għal offerti, it-329 konċessjoni ta' l-UNIRE li kienu diġà fis-seħħ. Fil-fatt, fil-fehma tal-Kummissjoni, derogi minn dawn il-prinċipji huma awtorizzati biss fil-każijiet u għall-motivi previsti fl-Artikoli 45 KE u 46 KE. Issa, il-ġustifikazzjonijiet invokati mill-Gvern Taljan ma jaqgħux taħt dawk espressament previsti fl-imsemmija artikoli u, fi kwalunkwe każ, l-imsemmi gvern ma pprovax il-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' l-imsemmija derogi fir-rigward ta' l-għanijiet allegati.

15 Fir-risposta tiegħu, il-Gvern Taljan isostni li l-Liġi Nru 200/2003 u d-Deċiżjoni Nru 107/2003 huma konformi mar-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju fil-qasam tal-konċessjoni ta' servizzi pubbliċi. Skond dan il-gvern, l-estensjoni tal-konċessjonijiet il-qodma ta' l-UNIRE hija ġġustifikata mill-ħtieġa li d-detenturi ta' konċessjoni jiġu ggarantiti l-kontinwità, l-istabbilità finanzjarja u redditu adegwat għall-investimenti magħmula fil-passat kif ukoll mill-ħtieġa li jiġu evitati attivitajiet ta' mħatri klandestini, sakemm dawn il-konċessjonijiet setgħu jingħataw abbażi ta' proċeduri ta' sejħiet għal offerti. Tali ġustifikazzjonijiet huma raġunijiet imperattivi ta' interess

ġenerali li jistgħu jippermettu derogi mill-prinċipji tat-Trattat li jeżiġu li s-suq tas-servizzi jinfetaħ għall-kompetizzjoni.

16 Il-Gvern Daniż jikkontesta l-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tas-sentenza Telaustria u Telefonadress, iċċitata aktar 'il fuq, fir-rigward tal-portata ta' l-obbligu ta' trasparenza, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Spanjol isostni kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw il-karatteristiċi speċifiċi ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-organizzazzjoni ta' l-imħatri li, skondu, ma ttieħdux in kunsiderazzjoni mill-Kummissjoni.

17 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li l-Gvern Taljan mhuwiex jikkontesta li l-Liġi Nru 200/2003 u d-Deċiżjoni Nru 107/2003 ġew adottati wara l-iskadenza tat-terminu previst fl-opinjoni motivata.

18 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar li, skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-eżistenza ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' kif kienet is-sitwazzjoni ta' l-Istat Membru fit-tmiem tat-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata u li l-bidliet li jseħħu wara ma jistgħux jittieħdu in kunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-2 ta' Ġunju 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-282/02, Ġabra p. I-4653, punt 40, u tas-26 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-514/03, Ġabra p. I-963, punt 44).

19 Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 200/2003 u tad-Deċiżjoni Nru 107/2003 ma jistgħux ikunu ta' rilevanza fl-evalwazzjoni tan-nuqqas allegat fil-konfront tar-Repubblika Taljana. Minn dan isegwi li dan ir-rikors huwa bbażat biss fuq eżami tad-deċiżjoni kkontestata.

20 Kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, il-Gvern Taljan ma kkontestax, la matul il-proċedura prekontenzjuża u lanqas matul din il-proċedura, li l-għoti ta' konċessjoni għall-ġestjoni u għall-ġbir ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel fl-Italja jikkostitwixxi għoti ta' konċessjoni ta' servizz pubbliku. Din il-klassifikazzjoni saret fis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica *et* (C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikoli 43 KE u 49 KE fid-dawl ta' l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali.

21 Issa, huwa paċifiku li l-konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/50 (ara s-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen, C-458/03, Ġabra p. I-8585, punt 42).

22 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li minkejja l-fatt li l-kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi pubbliċi huma, fl-istadju attwali tad-dritt Komunitarju, esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/50, l-awtoritajiet pubbliċi li jikkonkluduhom huma madankollu marbuta li jirrispettaw ir-regoli fundamentali tat-Trattat b'mod ġenerali u l-prinċipju ta' non diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità b'mod partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Telaustria u Telefonadress, iċċitata aktar 'il fuq, punt 60; tal-21 ta' Lulju 2005, Coname, C-231/03, Ġabra p. I-7287, punt 16, kif ukoll Parking Brixen, iċċitata aktar 'il fuq, punt 46).

23 Sussegwentament, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat applikabbli għall-konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi, b'mod partikolari l-Artikoli 43 KE u 49 KE, kif ukoll il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità huma espressjoni partikolari tal-prinċipju ta' trattament ugwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Parking Brixen, iċċitata aktar 'il fuq, punt 48).

24 F'dan ir-rigward, il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' non diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità jimplikaw, b'mod partikolari, obbligu ta' trasparenza li

permezz tiegħu l-awtorità pubblika li tagħti l-konċessjoni tkun tista' tassigura ruħha li dawn il-prinċipji jiġu osservati. Dan l-obbligu ta' trasparenza li għandha l-imsemmija awtorità jeżiġi li jiġi ggarantit, għall-benefiċċju ta' kull offerenti potenzjali, livell ta' pubblikità adegwat b'tali mod li l-konċessjoni ta' servizz tkun miftuħa għall-kompetizzjoni u li l-imparzjalità tal-proċeduri ta' l-għoti tal-konċessjonijiet tkun tista' tiġi kkontrollata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq Telaustria u Telefonadress, punti 61 u 62, kif ukoll Parking Brixen, punt 49).

25 F'dan il-każ għandu jiġi kkonstatat li n-nuqqas totali ta' sejħa għal offerti sabiex jingħataw il-konċessjonijiet għall-ġestjoni ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel mhuwiex konformi ma' l-Artikoli 43 KE u 49 KE, u, b'mod partikolari, jikser il-prinċipju ġenerali ta' trasparenza kif ukoll l-obbligu li jiġi ggarantit livell ta' pubblikità adegwat. Fil-fatt, it-tiġdid tat-329 konċessjoni qodma mingħajr sejħa għal offerti jimpedixxi li l-imsemmija konċessjonijiet ikunu miftuħa għall-kompetizzjoni u l-kontroll ta' l-imparjzalità tal-proċeduri ta' l-għoti tal-konċessjonijiet.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-imsemmi tiġdid jistax jiġi aċċettat bħala miżura derogatorja espressament prevista fl-Artikoli 45 KE u 46 KE jew bħala ġustifikat, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli *et*, C-243/01, Ġabra p. I-13031, punt 60, kif ukoll Placanica *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 45).

27 F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza aċċettat ċertu numru ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħalma huma l-għanijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ta' prevenzjoni tal-frodi u ta' l-inkoraġġiment taċ-ċittadini għal infiq eċċessiv fir-rigward tal-logħob kif ukoll tal-prevenzjoni ta' problemi ta' ordni soċjali in ġenerali (sentenza Placanica *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 46).

28 Għalkemm l-Istati Membri huma liberi li jiffissaw l-għanijiet tal-politika tagħhom fil-qasam tal-logħob ta' l-azzard u, skond il-każ, li jiddefinixxu bi preċiżjoni l-livell ta'

protezzjoni mixtieq, ir-restrizzjonijiet imposti minnhom għandhom madakollu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-proporzjonalità tagħhom (sentenza Placanica *et*, iċċitata aktar 'il fuq, punt 48).

29 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk it-tiġdid ta' konċessjonijiet mingħajr ebda proċedura ta' sejħa għal offerti huwiex ta' natura adegwat sabiex jiggarantixxi t-twettiq ta' l-għan tar-Repubblika Taljana mingħajr ma jeċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan il-għan. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmi tiġdid għandu jiġi applikat mingħajr disrkiminazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati aktar 'il fuq, Gambelli *et*, punti 64 u 65, kif ukoll Placanica *et*, punt 49).

30 Huwa paċifiku li l-Gvern Taljan approva l-pjan ta' tkabbir tan-netwerk ta' ġbir u ta' teħid ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel bil-għan li n-numru taċ-ċentri ta' ġbir u ta' teħid ta' dawn l-imħatri fit-territorju Taljan kollu jiżdied minn 329 għal 1000. Sabiex jiġi implementat dan il-pjan ta' tkabbir, ingħataw 671 konċessjoni ġodda wara proċedura ta' sejħa għal offerti filwaqt li t-329 konċessjoni qodma li kienu diġà eżistenti ġġeddu mingħajr sejħa għal offerti.

31 F'dan ir-rigward, il-Gvern Taljan ma invokax miżuri derogatorji bħal dawk espressament previsti fl-Artikoli 45 KE u 46 KE. Għall-kuntrarju, dan il-gvern jiġġustifika l-imsemmi tiġdid mingħajr sejħa għal offerti billi jinvoka l-ħtieġa, b'mod partikolari, li jiġi evitat l-iżvilupp ta' attivitajiet klandestini ta' ġbir u ta' teħid ta' mħatri.

32 Madankollu, fir-risposta tiegħu, il-Gvern Taljan ma spjegax kif in-nuqqas ta' ebda proċedura ta' sejħa għal offerti kien meħtieġ f'dan ir-rigward u ma jsostnix argumenti ta' natura li jegħlbu l-ilment ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mressaq mill-Kummissjoni. B'mod partikolari, l-imsemmi gvern ma ġġustifikax kif it-tiġdid

tal-konċessjonijiet eżistenti mingħajr ebda proċedura ta' sejħa għal offerti seta' jevita l-iżvilupp ta' attivitajiet klandestini fis-settur ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel u sempliċement sostna li l-Liġi Nru 200/2003 u d-Deċiżjoni Nru 107/2003 huma konformi mar-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju fil-qasam tal-konċessjoni ta' servizzi pubbliċi.

33 Issa, f'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom juru, min-naħa, li l-leġiżlazzjoni tagħhom tissodisfa interess essenzjali fis-sens ta' l-Artikoli 45 KE u 46 KE jew rekwiżit imperattiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-ġurisprudenza u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmija leġiżlazzjoni hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2004, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, C-41/02, Ġabra p. I-11375, punt 47; tat-13 ta' Jannar 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-38/03, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 20, u tal-15 ta' Ġunju 2006, Il-Kummissjoni vs Franza, C-255/04, Ġabra p. I-5251, punt 29).

34 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-fatt li t-tiġdid tal-konċessjonijiet qodma ta' l-UNIRE twettaq mingħajr sejħa għal offerti mhuwiex ta' natura adegwata sabiex jiggarantixxi li jintlaħaq l-għan tar-Repubblika Taljana u jeċċedi dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat li l-operaturi attivi fis-settur ta' l-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel ma jkunux involuti f'attivitajiet kriminali jew frawdolenti.

35 Barra minn hekk, fir-rigward tal-motivi ta' natura ekonomika mressqa mill-Gvern Taljan, bħall-fatt li d-detenturi ta' konċessjoni jiġu ggarantiti l-kontinwità, l-istabbilità finanzjarja u qligħ adegwat għall-investimenti magħmula fil-passat, ikun biżżejjed jekk jiġi mfakkar li dawn il-motivi ma jistgħux jiġu aċċettati bħala raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali ta' natura li jiġġustifikaw restrizzjoni għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen, C-35/98, Ġabra p. I-4071, punt 48, u tas-16 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-388/01, Ġabra p. I-721, punt 22).

36 Minn dan isegwi li ma tista' tiġi aċċetata l-ebda waħda mir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali invokati mill-Gvern Taljan sabiex jiġġustifika t-tiġdid tat-329 konċessjoni qodma mingħajr ebda proċedura ta' sejħa għal offerti.

37 Għaldaqstant għandu jiġi kkonstatat li r-rikors tal-Kummissjoni huwa fondat.

38 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li, billi ġeddet 329 konċessjoni għall-ġestjoni ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel mingħajr ma organizzat ebda proċedura ta' sejħiet għal offerti, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 43 KE u 49 KE u, b'mod partikolari, kisret il-prinċipju ġenerali ta' trasparenza kif ukoll l-obbligu li jiġi ggarantit livell ta' pubblikità adegwat.

Fuq l-ispejjeż

39 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Taljana tilfet, hija għandha tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi ġeddet 329 konċessjoni għall-ġestjoni ta' mħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel mingħajr ma organizzat ebda proċedura ta' sejħiet għal offerti, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 43 KE u 49 KE u, b'mod partikolari, kisret il-prinċipju ġenerali ta' trasparenza kif ukoll l-obbligu li jiġi ggarantit livell ta' pubbliċità adegwat.**

2) **Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem